MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 2073/2003

**Untours Insurance Agents Ltd (C 5655) ghas-socjeta` estera Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Patrick Bonnici u l-istess Patrick Bonnici**

**vs**

**Martin Zizka**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab li jigi dikjarat li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-Imgarr, Mosta fid-9 ta' Awwissu, 2002 bejn vettura numru LFC-325 misjuqa mill-attur u vettura numru CAK-501 misjuqa mill-konvenut, u jikkundanna lill-konvenut li jhallas, in linea ta' danni hames mija u disgha u tmenin lira Maltita u ghoxrin centezmu (Lm589.20) lil Untours Insurance Agents Ltd noe, u**

**hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) lill-attur Patrick Bonnici.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru, 2003 ai termini tal-Kap 104, u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-4 ta' Dicembru, 2003, fejn intqal:**
**i. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjent mhux responsabbli ghall-incident;**
**ii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll kontestat;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1133 Joe Borg, Daniel Wright, u Patrick Bonnici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li gara f'Imgarr, Mosta fid-9 ta' Awissu, 2002 bejn il-karozza numru LFC 325 misjuqa mill-attur u l-karozza CAK 501 misjuqa mill-konvenut.**
**2. L-assigurat tas-socjeta' attrici Patrick Bonnici kien qed isuq mill-Imgarr fid-direzzjoni tal-Mosta b'xi 60 jew 70 k.f.s. Skond l-attur kien hemm il-karozza tal-kiri tal-konvenut ipparkjata mal-genb tat-triq, u dan minghajr ma xeghel indicator qabad u hareg. Skond l-attur mill-manuvra li ghamel il-konvenut hu fehem li dan kien ser jaghmel u-turn. L-attur zamm break, gibed lejn il-karreggjata l-ohra pero' l-kollizzjoni xorta sehhet. L-attur ighid li zamm il-break malli nduna bil-manuvra tal-konvenut. Kien miexi ghan-nizla f'xi 60 jew 70k.f.s. u l-incident sehh farka ta' sekonda.**
**3. Mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta illi l-attur kien a tempo vergine ta l-versjoni li fil-fatt sussegwentement ta quddiem it-Tribunal. Il-konvenut qal illi kien qieghed miexi bil-mod u kellu l-indicators mixghulin u li l-attur gie f'salt minn warajh.**

**4. Jekk wiehed jara l-isketch esebit a fol 20 tal-process jirrizulta illi hu aktar vero simili li l-vettura tal-konvenut fil-fatt kienet qed taghmel manuvra biex taqsam u dana anke jekk wiehed jiehu l-indikazzjoni ta' l-istess vettura kif angolata. L-attur, anke mill-brake mark li halla jidher li kien qed isuq fil-karreggjata tieghu pero' ghan-nofs tat-triq.**
**5. It-Tribunal qed jikkonkludi illi filwaqt illi l-attur kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass regolari, l-vettura tal-konvenut f'salt minn mal-genb tal-bankina mxiet ghan-nofs tat-triq. Malli ra dan l-attur zamm il-brake pero' sehhet il-kollizzjoni. Ma jirrizultax illi l-attur kien ghaddej b'xi velocita' ezagerata. Fid-dawl ta' dak li ntqal ghandu ritenut unikament responsabbli l-konvenut li qabad u kiser minghajr attenzjoni ghat-traffiku li kien gej.**
**6. Bhala dan ma jirrizultax illi dawn huma esagerati u jirrizulta illi l-ammont mitlub huwa fil-fatt kollu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm589.20), u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru, 2003 ai termini tal-Kap 104 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------